16 ta' Jannar, 1954

Imħallef :

Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija versus Carmelo Dimech

## Obligazzjoni "di fare" — "Negotiorum Gestio"

*Meta kreditur ta' obligazzjoni "di fare" jottjeni l-kundanna tad-debitur biex jeżegwixxi dik l-obligazzjoni f'ċertu terminu, bil-fakolta' li, fin-nuqqas tad-debitur, jeżegwixxi huwa stess dik l-obligazzjoni bi spejjeż tad-debitur, il-kreditur li jeżegwixxi dik l-obligazzjoni bis-saħħa ta' dik l-awtorizzazzjoni u ta' dik l-alternativa, għax ikun naqas milli jeżegwiha d-debitur, jaġixxi bħala "negotiorum gestor" tad-debitur.*

*Għaldaqstant, jekk f'kawża ċivili d-debitur ġie kundannat jeżegwixxi obligazzjoni f'ċertu terminu, u bis-saħħa ta' l-istess sentenza ċivili jeżegwiha, fin-nuqqas tiegħu, il-kreditur, u l-kreditur jeżegwiha b'mod li jikkontravvjeni għall-liġi, id-debitur jibqa' responsabbli kriminalment għal dik il-kontravvenzjoni; u ma jistax jiskrimina ruħu billi jallega illi x-xogħol li sar b'kontravvenzjoni għall-liġi ma għamlux hu, imma għamlu ħadd ieħor.*

Dan hu appell tal-Prosekuzzjoni minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fl-14 ta' Ottubru, 1953, li biha l-imsemmi Dimech ġie liberat mill-imputazzjoni li naqas milli jżomm dar, mibnija wara l-ewwel ta' Jannar, 1880, skond il-pjanta oriġinali tas-Suprintendent tas-Saħħa Publika;

L-Ewwel Qorti rriteniet li, peress li x-xogħol ta' modifikazzjoni sar mhux mill-imsemmi Dimech, konvenut fl-azzjoni ċivili għall-eżekuzzjoni ta' dan ix-xogħol, u kundannat li jeżegwieh f'ċertu terminu li għadda inutilment, iżda millattur kif awtorizzat mit-tribunal ċivili wara li għadda infruttwożament l-istess terminu, għalhekk Dimech ma hux responsabbli għall-kontravvenzjoni ta' eżekuzzjoni ta' tibdil bla permess;

Bħala pont ta' dritt, is-sentenza hi appellabbli mill-Pro-

sekuzzjoni; u l-Prosekuzzjoni għandha raġun tilmenta mill-konklużjoni li dwar dak il-punt waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Fil-leġislazzjonijiet moderni, minbarra l-uniku rimedju konsentit mid-Dritt Ruman tal-"paecuniaria aestimatio", ġie sanċit, fil-każ ta' ineżekuzzjoni tad-debitur ta' obligazzjoni "di fare", anki r-rimedju li l-kreditur jiġi awtorizzat mit-tribunal li, fin-nuqqas tad-debitur, l-obligazzjoni jeżegwiha hu stess bi spejjeż tad-debitur (prestazzjoni f'forma speċifika). Hu ċar li fil-każ ta' l-alternativa ta' eżekuzzjoni mill-parti tal-kreditur, dan ikun qiegħed jaġixxi "minflok, fl-interess u għall-istess debitur inadempjenti", bħala "gestor" tiegħu, u għalhekk id-debitur ta' l-obligazzjoni (l-imputat f'dan il-każ) jibqa' ugwalment responsabbli għall-osservanza tal-liġi in kwantu li din timponi n-neċessità ta' permess. L-imputat ma jistax jilmenta, għaliex kien hu bin-nuqqas tiegħu li ġieb l-eżekuzzjoni f'forma speċifika mill-parti tad-debitur;

Kif korrettament osserva l-Prosekutur, il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti tista' tiftaħ it-trieq għall-abbuż li bniedem, li jrid jevadi l-obligazzjoni ta' l-otteniment ta' permess, jirrendi ruħu inadempjenti, biex dak li hu jkun irid jagħmel bla permess isir minn ħaddieħor impunement bla permess fl-interess u tornakont tiegħu;

Il-Prosekuzzjoni, għalhekk, għandha raġun dwar il-kwistjoni ta' liġi. Però l-istat tal-provi hu tali li ma hemmx lok għall-kundanna mitluba fir-rikors ta' l-appell ta' l-Attorney General. Infatti, quddiem l-Ewwel Qorti ma saru żewġ provi essenzjali, li issa ma jistgħux jinġiebu f'sedi ta' appell: waħda, li d-dar inbniet wara l-ewwel ta' Jannar, 1880 — rekwiżit meħtieġ għall-applikazzjoni ta' l-art. 88 (1) Kap. 13, li fuqu hi bażata l-imputazzjoni; u l-oħra illi fil-pjanta oriġinali kien hemm mill-ewwel dawn it-twieqi li issa ingħalqu, u li l-egħluq tagħhom jikkostitwixxi t-tibdil li hu bażi ta' fatt ta' l-imputazzjoni, biex ma tiħqqħax il-possibilità li "nfetħu wara" il-pjanta. L-unika ħaġa li saret quddiem l-Ewwel Qorti hi li l-imputat ammetta li hu sid il-fond in kwistjoni — ammissjoni ta' fatt li ma jkoprix l-imputazzjoni;

Għalhekk, fl-istat ta' l-elementi probatorji quddiem din il-Qorti, u biss fis-sens premess, l-appell ta' l-Attorney General hu miċħud.